MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1226/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Guled Ilmi Jama ta' 17 il-sena, ta' nazzjonalita` Somalia, imwieled Lower Jubba, Somalja, fl-ewwel (1) ta' Jannar fl-1996, iben Ilmi Jama & Shuqi Osman, residenti c-Centru Miftuh ta' Hal-Far u detentur tan-numru tal-Pulizija 13H-051.

Talli;

Fl-14 ta' Dicembru 2013 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport Taljan, karta ta' l-identita` Taljana u permess ta' residenza Taljana jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport, karta ta'

l-identita' u permess ta' residenza li kien jaf li gew ffalisifkati, imbiddlin jew sar xi tibdil fihom.

Kif ukoll nakkuzah talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikat, fid-dokumenti fuq imsemmija.

Kif ukoll nakkuzah talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokuemnti jew kopji vera ta' dokuemnti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikoli 37 u 189 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 32(1d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti fuq ammissjoni m'ghandiex ghazla hlief issib lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tikkundannah xahar (1) prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------